32002R1802

11.10.2002 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 274/21

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1802/2002

ta' l-10 ta' Ottubru 2002

li jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 1282/2002 li jemenda l-Annessi għad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE li tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar is-saħħa ta' l-annimali fir-regolamentazzjoni tal-kummerċ fil- u l-importazzjoni għal ġol-Komunità ta' annimali, sperma, ova u embrijoni li mhumiex suġġetti għar-rekwiżiti dwar is-saħħa ta' l-annimali stabbiliti f'Regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A(1) għad-Direttiva 90/425/KEE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi rekwiżiti dwar is-saħħa ta' l-annimali fir-regolamentazzjoni tal-kummerċ u l-importazzjoni għal ġol-Komunità ta' annimali, sperma, ova u embrijoni li mhumiex suġġetti għar-rekwiżiti dwar is-saħħa ta' l-annimali stabbiliti f'Regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A(1) għad-Direttiva 90/425/KEE [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2002 [2], u partikolarment l-Artikolu 22 tagħha.

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1282/2002 kien adottat fil-15 ta' Lulju 2002 biex jemenda d-Direttiva 92/65/KEE.

(2) Biex ikun żgurat li jkun hemm perjodu xieraq biex id-dispożizzjonijiet emendati jiġu implimentati fl-Istati Membri kollha, id-data dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1282/2002 kellha tiġi stabbilita.

(3) Madankollu, waqt il-proċess ta' l-adozzjoni, id-dispożizzjoni li tistabbilixxi dik id-data tħalliet barra.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1282/2002 għandu għalhekk jiġi korrett minn dan l-aspett.

(5) Huwa meħtieġ li l-korrezzjoni tibda sseħħ mid-data li jidħol fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 1282/2002.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2002, jiddaħħal it-tieni paragrafu li ġej:

"Għandu jkun japplika mill-1 ta' Marzu 2003."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika mill-5 ta' Awwissu 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Ottubru 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54.
[2] ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 3.